**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

Appell Nru. 77/2002

Il-Pulizija

(Spettur Raymond D'Anastas)

Vs.

James Abela

Seduta tal-Hamis 11 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fis-26 t'April, 1999 ghall-habta tan-nofs siegha ta' fil-ghodu (00.30 hrs), f'San Gwann u cioe' fi Vjal ir-Rihan, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna il-mewt ta' Denise Chetcuti ta' tmintax il-sena mill-Mosta u dan meta kien isuq vettura tal-marka Toyota b'numru tar-registrazzjoni TMR 002, u talli fl-istess data, hin, lok u circostanzi, involontarjament ikkaguna hsara f'arblu tad-dawl u dan ghad-danni tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 t'April, 2002 li biha wara li rriteniet li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuza iddikjarat li qed issib lill-imputat hati, a tenur tal-Artikoli 225 u 328 tal-Kap. 9, u ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ghal zmien tmintax il-xahar sospiza ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, inoltre skwalifikat lill-imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett snin. Il-Qorti spjegat lill-imputat f'termini cari l-import tal-Artikolu 28A fuq citat. Illi rigward t-talba maghmula mill-prosekuzjoni a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti osservat li ma gewx inkorsi spejjes matul il-proceduri gudizzjarji odjerni u in fine awtorizzat lil Carmelo Abela bhala sid tal-vettura in kwistjoni u li fuqu tinsab registrata sabiex jirriprendi l-pussess taghha, stante li dana ma ppartecipax fid-delitti in disamina u dan fit-termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti minnhu pprezentat fis-17 ta' April, 2002 li biha talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi fil-waqt li tiddikjarah mhux hati tal-akkuzi dedotti kontrih, tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Rat illi fil-qosor l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :- li fis-sustanza is-sejbien tal-htija mill-ewwel Qorti hija impernjata fuq l-speed eccessiv li allegatament kien ghaddej bih l-appellant u li dan kien il-fattur uniku u determinanti tal-incident meta skond l-appellant - l-uniku xhud okulari tal-incident - hu kien qed isuq bi speed ta' cirka 50 kfs u li ma kienx possibbli li jkollu speed aktar minn hekk ghax kellu il-"clutch" jisslippja ; li hu kien sema hoss fuq il-parti ta' wara tal-vettura li kien isuq qabel tilef il-kontroll taghha ; li ir-regola ta' '"res ipsa loquitur" ma tapplikax fil-kamp kriminali ; li l-ewwel Qorti ma setghetx tfittex l-impronta tal-htija

fl-imgieba tal-appellant unikament abbazi tal-konsegwenzi tal-incident ; li ma hemm ebda prova li tmur oltre d-dubju dettat mir-raguni li s-sewqan tal-appellant kien eccessiv u li dak l-ispeed eccessiv kien il-kawza unika u determinanti tal-incident ; li id-dinamika tal-incident ma tistax tkun dezunta minn provi cirkostanzjali li wahedhom ma jistghux iwasslu ghall-prova ta' htija minghajr dubju ragonevoli ; ma hemmx prova li l-"manner of driving" tal-appellant qabel l-incident mar kontra r-regoli tal-prudenza ; li ma sarx l-ezami tal-"clutch" quddiem l-ewwel Qorti ghax mar saritx talba mill-Prosekuzzjoni u finalment li il-piena -partikolarment fejn din tirrigwarda is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tlitt snin - kienet severa wisq partikolarment peress li hu juza l-car fuq ix-xoghol ghax huwa salesman .

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-appellant u dik tal-prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2002 u hadet notament tal-gurisprudenza citata waqt din it-trattazzjoni .

Ezaminat l-atti kollha processwali inkluzi l-atti tal-Inkjesta magisterjali dwar l-incident, li jiffurmaw parti integrali mill-process ;

Ikkunsidrat .

Illi dan l-incident sfortunat kemm ghall-appellant u aktar w aktar ghall-vittma tieghu u l-familja taghha , gara go Vjal ir-Rihan , San Gwann , cioe' fit-triq principali li minn San Gwann tati lejn in-Naxxar u l-Mosta fis-26 t'April, 1999 ghall-habta ta' 12.30 a.m. waqt li l-appellant kien isuq Toyota numru TMR 002 fid-direzzjoni tan-Naxxar . F'certu hin il-karozza harget minn taht il-kontroll tal-appellant u mill-evidenza li instabet fuq il-post wara l-incident jidher li l-car habtet bil-gemb xellugi taghha ma arblu tad-dawl li kien jinsab fuq centre strip , b'certa forza . B'rizultat ta' dan l-impatt Denise Chetcuti , tfajla li kienet hadet lift mall-appellant minn Paceville lejn id-dar , u li kienet riekba fil-"passenger seat" , mietet tal-kolp u l-appellant garrab ferita f'rasu li kienet tinhtieg erbatax (14) il-punt . L-appellant xehed li ma jiftakar xejn dwar id-dinamika tal-incident hlief li qabel tilef il-kontroll tal-vettura sema hoss fuq wara.

Illi jibda' biex jinghid li din il-Qorti - ghal dak li jirrigwarda apprezzament tal-provi , ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti li tkun semghet il-provi direttament u li jkunu gew traskritti , sakemm il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-ewwel Qorti ma tkunx wahda "unsafe and unsatisfactory" u cioe' li fuq il-provi li kellha quddiemha , dik il-Qorti qatt ma setghet logikament u legittimament tasal ghal konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. L-istess dwar il-piena , din il-Qorti ripetutament irriteniet li mhux lesta li tvarjha sakemm ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda sproporzjonata.

Illi is-sottomissjonijiet tal-appellant , kemm fir-rikors tal-appell kif ukoll waqt it-trattazzjoni tal-abbli difensur huma dwar l-apprezzament hazin li sar mill-ewwel Qorti dwar il-fatti , u li l-ewwel Qorti biex sabet il-htija , irrikorriet ghall-principju probatorju tar-"res ipsa loquitur" , b'mod li tefghet l-oneru tal-prova li jiskolpa ruhu fuq l-appellant , haga li "in criminalibus" mhux accettabbli u lanqas guridikament korretta.

Illi l-ewwel Qorti , meta semmiet il-kuncett guridiku tar-"res ipsa loquitur" , esprimiet ruha testwalment hekk :-

> "Illi l-Qorti tosserva ulterjorment li , kuntrarjament ghal dak li gie sottomess mid-difiza , il-kuncett ta' "res ipsa loquitur" jikkonfigura fid-dritt penali , meta l-fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghal prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti."

Illi l-addozzjoni tad-dottrina tar-"res ipsa loquitur" tidher li ghaddiet minn certa evoluzzjoni fil-gurisprudenza taghna tul dawn l-ahhar hamsin sena . Ghall-bidu il-Qrati Taghna - anki fil-kamp penali kienu ta' sikwiet u regolarment jirrikorru ghal din it-teorija probatorja u insibu diversi sentenzi fejn giet applikata bis-shih fil-qasam penali .

Hekk fl-APPELL KRIMINALI - "Il-PULIZIJA VS. CASSAR DESAIN" (13.1.1962) din il-Qorti kienet irriteniet li :-

> "Jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah : "RES IPSA LOQUITUR" - "In such circumstances , the facts speak for themselves, if no explanation is given by the defendant. (DAVIES , "Law of Road Traffic" )

u fl-APPELL KRIMINALI - "IL-PULIZIJA VS. TEMI ZAMMIT (13.1.62) kien gie ritenut li :-

> "li dawk il-fatti li jikkostitwixxu "res ipsa loquitur" icedu quddiemhom ix-xiehdiet okulari bhala fehmiet soggettivi ta' nies li kienu dizattenti jew li ghamlu apprezz-ament zbaljat ."

u fl-APPELL KRIMINALI - "IL-PULIZIJA VS. GAETANO FELICE " (Kollez . Vol. XL , iv p.1187) intqal:-

> "il-hsara li jsofru vetturi f'habta huwa kaz ta' "res ipsa loquitur" f'materja ta' speed."

u fl-APPELL KRIMINALI - "IL-PULIZIJA VS. NAZZARENO FARRUGIA" (Kollez. Vol. XXXIII ; p.968) gie ritenut li :-

"Accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk , fuq il-bazi tal-principju tar-"res ipsa loquitur" jaqa' fuq il-persuna l-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija ."

Illi pero' din id-dottrina giet ezaminata "funditus" mill-Qorti tal-Appell tal-Maesta' Taghha r-Regina komposta mill-President Professur Sir Anthony Mamo u l-Imhallfin , l-Professur J.J. Cremona u Joseph Flores , fil-kawza : "Edgar Zahra vs. Carmelo Vassallo" deciza fil-5 t'April, 1971 . F'dik is-sentenza il-Qorti qalet hekk :-

"M'hemmx kwistjoni li din id-dottrina giet importata fil-gurisprudenza taghna mill-gurisprudenza Ingliza , li ghaliha f' materja ta' principji jew regoli ohra , il-Qrati Taghna frekwentement jirrikorru utilment . Rigward din il-massima tar-"res ipsa loquitur" jidher....minn diversi sentenzi ohra (e.g. Vol. XXXIII, iv. 934 , 968 , Vol. XXXVI . iv.764 ) li giet bosta drabi invokata u applikata anki fi proceduri kriminali mentri invece , fil-gurisprudenza Ingliza (minn fejn , kif intqal , hadniha) il-massima ma tidhirx applikata hlief fil-kawzi civili dwar danni bazati fuq "negligence" . Ghad illi f'materja ta' provi f'kawzi kriminali , hemm xi haga li tista' tixbaha , f'dawk li jissejhu prezunzjonijiet ta' fatt (e.g. dak tal-pussess recenti ta' hwejjeg misruqa ) il-massima "res ipsa loquitur" ,bhala tali , il-Qorti ma sabitha mkien applikata f'kawzi kriminali , u r-raguni ta' dan naturalment hija illi l-principju li jiddomina fi proceduri kriminali huwa illi bhala regola generali fondamentali, il-piz tal-prova bla dubju ragonevoli hu mixhut fuq il-prosekuzzjoni u , salvi dispozizzjonijiet espressi ta' ligi , jew regoli gurisprudenzjali eccezzjonalissimi li jiddisponu xort'ohra , ebda oneru ta' prova jew htiega ta' spjegazzjoni mhuma mixhutin fuq l-akkuzat jew imputat . Il-Qorti jidhrilha illi , apparti li f'kawzi kriminali il-massima m'ghandhiex ghall li gej tigi invokata jew applikata , anki f'kawzi civili citazzjonijiet u applikazzjonijiet taghha gja maghmula f'kawzi kriminali ghandhom jitharsu b'ghajn kritika...."

Illi aktar recentement din il-Qorti diversament preseduta addottat dan l-insenjament u qalet :-

"in kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova , tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali . In kwantu , pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti , allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact" . "These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact . It is not obliged to draw them as a matter of law even if there is no further evidence ..(CROSS. R. "On Evidence (Butterworths, London , (1979) p.124) (App.Krim. Pol. vs. Claudia Camilleri , per V. De Gaetano J. - 15.11.96)

Illi anki fid-dawl ta' dan l-insenjament l-aktar recenti , dak li intqal mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma jidhirx li hu zbaljat guridikament , ghaliex ghakemm intuzat minn dik il-Qorti il-frazi bil-Latin "res ipsa loquitur" minnflok "presumption of fact" , l-ewwel Qorti proprju tat lil din il-frazi is-sinifikat moghti f'din l-ahhar sentenza fuq citata u cioe' li tali prezunzjoni ta' fatt tqum fejn meta il- " fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti." L-ewwel Qorti qatt ma qalet li jkun hemm jew ghandu jkun hemm xi spostament tal-oneru tal-prova fuq l-imputat appellant meta iccitat dik il-frazi u ghalhekk ma jistax jintqal - kif donnu qed jigi implikat fir-rikors tal-appell - li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati b'xi applikazzjoni zbaljata jew antikwata tat-teorija ta"res ipsa loquitur" li spustat l-oneru tal-prova fuq l-appellant .

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant , u x'aktarx iva milli le , ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji , jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident . S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Issa meta qieset kollox , l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament ta' fatt , li fil-fehma ta' din il-Qorti kellha kull dritt li tasal ghalih stante ic-cirkostanzi kollha migbura u imsemmija fis-sentenza appellata u cioe' li kien hemm fattur ta' speed eccessiv li wassal biex sar l-incident in dizamina . Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-APPELL KRIMINALI : " IL-PULIZIJA VS. A.I.C. MORTIMER" (Kollez. Vol. XL . iv. p.1282)

"Speed jista' jigi dedott minn brake marks."

u fl-APPELL KRIMINALI : "PULIZIJA VS. R. BUGEJA" (30.6.1962) intqal ukoll li :-

"Speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument".

Fil-kaz in ezami , ghalkemm l-appellant isostni li kien ghaddej b'cirka 50kfs u cioe' il-velocita' massima regolamentari applikabbli ghal dik il-lokalita' li hija zona mibnija u urbana , skond ir-Regolament 127 tal-Motor Vehicle Regulations , l-vettura spiccat habtet lateralment bil-gemb xellugi taghha u b'certa forza ma arblu tad-dawl fuq ic-centre strip . Xi 18 metru lura minn fejn instabet il-car f'angolu ta' 90 grad mac-centre strip , kien hemm evidenza ta' habta recenti ferm konsistenti ma "tixlifa friska" mall-bankina jew kurduna li tifred il-karreggjata principali minn "service road" li hemm max-xellug tat-triq u inoltre ftit lura minn dan il-punt fejn instabet

dit-tixlifa friska u ippuntat fid-direzzjoni ta' fejn spiccat waqfet il-karozza instabet marka twila cirka 21 metru deskritta bhala "tkaxkira ta' tyre" fir-relazzjoni tal-AIC Richard Aquilina. Illi ghalhekk kollox jindika li l-vettura misjuqa mill-appellant l-ewwel habtet bir-rota tax-xellug ta' quddiem taghha mall-kurduna max-xellug u dana meta kienet gja tidher ippuntata lejn dik il-kurduna , kif jixhed it-tyre mark kompatibbli mar-roti tal-lemin tal-istess vettura , bhallikieku id-driver kien diga' hass il-htiega li jiffrena biex jevita il-kurduna tax-xellug , haga li jidher li ma irmexxilux jaghmel kemm mill-hsara friska fuq il-kurduna u mill-fatt li safa' danneggjat ir-rim tat-tyre ta' quddiem tax-xellug . Ta' min josserva li lura minn fejn bdew jinstabu dawn it-tracci u indizji dwar l-incident , ghal min ikun gej kif kien gej l-appellant, l-ewwel hemm roundabout li titfghek bruskament lejn ix-xellug , umbaghad hemm il-htiega li ddur ma din ir-roundabout lejn il-lemin , umbaghad it-triq terga' titfghek lejn ix-xellug b'kurva lejn il-lemin u finalment jerga' hemm kisra lejn ix-xellug sakemm wiehed jasal fil-parti dritta fejn gara l-incident. Fi kliem iehor, din hija bicca triq pjuttost b'konfigurazzjoni stramba u "hazardous" ghal kull sewwieq u tinhtieg speed kontrollat biex tinnegozjha. Meta xehed quddiem l-espert fl-inkjesta magisterjali "a tempo vergine" , l-appellant kien qal :-

"Niftakar li smajt "boom" kif dort mar-roundabout u ma niftakar xejn hlief li qomt u sibt lill-kugin hdejja. Naf li tlift il-kontroll ."

Issa apparti li hemm distanza konsiderevoli bejn ir-roundabout u il-post fejn waqfet il-car mall-habta , il-karozzi ma jmorrux "out of control "bla raguni u meta dan jigri , jew ikun rizultat ta' xi malfunzjonament fil-"controls" tal-vettura - li ma rrizultawx f' dan il-kaz , jew ghaliex is-sewwieq ma jkunx zamm "within the approved package" tar-"road holding" tal-vettura partikolari li jkun qed isuq jew ghax ikun hemm xi mument ta' dizattenzjoni da parti tad-driver. Kull min ghandu l-icken esperjenza tas-sewqan jaf li bejn karozza u ohra tghaddi differenza kbira kemm tista' tinnegozja liwjiet jew kurvi bi speed . U fil-waqt li certi karozzi jifilhu certu speed fid-dawran , ohrajn jizbandaw u jitilfu l-kontroll ghal kull haga ta' xejn , jew ghax ikunu hfief minn wara , jew ghax gholjin izzejjed jew ghal ragunijiet teknici ohrajn . Driver hu tenut li jsuq "within the limits" li tiflah il-car tieghu , zghar u limitati kemm ikunu u jekk il-car tieghu ma ghandhiex "road holding qualities" tajbin f'liwjiet u kurvi , irid isuq bi speed li ma jipprovokax it-telfien tal-kontroll tal-vettura. Jekk ma jaghmilx dan , oltre l-imprudenza ikun qed juri ukoll imperizja, u :-

"l-imperizja fis-sewqan , bhas-sewqan hazin , hija htija." (Appell Krim. Pul. vs. J. Cost Chritien (Vol. XXXVII , iv. p.873) .

Illi l-akkuza kontra l-appellant tikkonsisti filli waqt is-sewqan tieghu , b'nuqqas ta' hsieb , bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila ....jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna l-incident u l-mewt ta' Denise Chetcuti , u ghalhekk anki kieku ma kellux jirrizulta speed eccessiv per se ghax eccedenti dak regolamentari, jekk l-speed li bih l-appellant wasal biex tilef il-kontroll tal-vettura tieghu kien , kif irriteniet li kien l-ewwel Qorti , kawza determinanti tal-incident , dan ikun jinkwadra ruhu fl-element tan-negligenza u n-nuqqas ta' hila inkorporat fl-akkuza dedotta kontra tieghu .

Illi ghalhekk anki jekk jirrizultaw in-nuqqas ta' hsieb , traskuragni , jew nuqqas ta' hila fis-sewqan , l-akkuza kontra l-appellant tissussisti xorta wahda ghax sentenza tista' tigi konfermata anki ghal ragunijiet u motivazzjoni differenti minn dawk li tkun adduciet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Illi ma rrizultax l-intervent ta' terzi - bhal xi emergenza krejata minn xi driver jew utent tat-triq iehor li setghu wasslu biex l-appellant tilef il-kontroll tal-car tieghu . L-allegazzjoni tal-appellant li qabel tilef il-kontroll tal-vettura sema xi hoss fuq il-wara tal-car ma gietx korroborata minn xi

hsara fuq il-vettura fuq wara jew xi kostatazzjoni ta' xi malfunzjonament tal-vettura fuq il-parti ta' wara , bhal nghidu ahna li inqalghet jew infaqghet xi rota fuq wara . Di fatti l-espert AIC Aquilina , fir-relazzjoni tieghu jghid testwalment :-

"Ma kien hemm ebda daqqa jew xi tahkik fuq in-naha ta' wara ta' din il-karozza." (fol.12 Proces Verbal) u Dr. Y. Micallef Stafrace fir-relazzjoni taghha qalet :-

"Ma kien hemm ebda sinjal fuq il-vettura TMR-002 li jindika li din setghet b'xi mod intmisset minn vettura ohra."

u aktar 'l isfel fl-istess relazzjoni kompliet tghid :-

"Is-sewwieq ma seta' jaghti ebda spjegazzjoni dwar dak li gara hlief li sema' "boom" u semmgha man-nies li laqtitu vettura ohra . TA' DIN IL-VETTURA L-OHRA MA KIEN HEMM L-EBDA TRACCA FUQ IL-VETTURA MISJUQA MINN ABELA (emfasi ta' din il-Qorti) , id-danni (estensivi hafna) li kien hemm kollha rizultat tad-daqqa li l-vettura hadet ma l-arblu."

u it-tyres ta' wara kienu intatti u minfuhin . Huwa veru li it-tyre ta' quddiem tax-xellug instab imnizzel imma dan kien kompatibbli mall-hsara li garrab ir-rim bl-impatt ma xi haga iebsa , x'aktarx ix-xifer tal-kurduna max-xellug tat-triq . Imma meta dan it-tyre gie hekk danneggjat , kien diga' jidher li l-appellant kellu diffikulta' fis-sewqan tieghu u fil-kontroll shih tal-vettura tieghu , ghax mit-tyre mark tar-roti tal-lemin li instab fit-triq aktar lura , jidher li l-appellant kien gja sejjer fid-direzzjoni ta' din l-kurduna bil-gemb xellugi tal-car tieghu.

Umbaghad il-marki ta' "tixlif max-xifer tac-"Central Strip" indikati bl-ittri "f" u "g" fuq il-pjanta esebita mill-AIC Aquilina, jindikaw li l-vettura x'aktarx li qabel ma tkahhlet u "literally wrapped itself around the electricity pole" bil-parti tal-bieba ta' quddiem tax-xellug, kienet habtet darbtejn mac-centre strip . Is-sinjali ta' hakk mat-tyres ta' quddiem u ta' wara tal-lemin indikati fil-fotografiji esebiti jindikaw li fejn instabu dawn il-marki, il-karozza telghet fuq ic-centre strip u minn hemm umbaghad baqghet titkaxkar lagemba sakemm dahlet bil-gemb xellugi taghha mal-arblu tad-dawl .

Illi gie ritenut li :-

"Sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera

biex jevita s-sinistri stradali ." APPELL KRIMINALI - "IL-PULIZIJA Vs. ANTONIO SPITERI KOLLEZ. VOL. XLIV ,iv. p. 892.)

Illi ta' spiss tissemma il-frazi popolari li min isuq vettura ghandu arma f'idejh u bhal fil-kaz ta' persuna li tinstab b'arma f'idejha bid-dahna ghadha hierga mill-kanna magemb persuna minxura mejta fl-art , anki fl-assenza ta' xiehda okulari li raw l-isparatura, wiehed jista' fuq il-bazi tac-"circumstantial evidence" jasal ghall-konkluzzjoni li il-persuna bl-arma tkun qatlet lill-vittma mixura fl-art, hekk ukoll ic-"circumstantial evidence" f'dan il-kaz tista' twassal , kif wasslet lill-ewwel Qorti, biex wiehed ikun konvint li l-incident kien dovut ghal sewqan hazin da parti tad-driver l-appellant . Dan mhux fuq il-bazi tad-duttrina tar-"res ipsa loquitur" imma fuq il-bazi ta' provi skjaccanti ta' sewqan hazin u telfien ta' kontroll inspjegat tal-vettura da parti tad-driver li suppost ghandu kontroll taghha il-hin kollu kif jippreskrivi ir-Regolament 68 tal-M.V.R

Kif sew irrilevat il-perit legali fl-inkjesta :-

"Is-sewwieq bazikament ma kienx jaf x'gara , daqqa isemmi "boom" , daqqa karozza ohra "misterjuza" li sparixxiet minghajr ma halliet ebda tracca . Nafu zgur hi li din il-vettura laqtet xifer il-bankina (minghajr raguni valida) u halliet brake marks ta' oltre 21 metru apparti li "tfarrket (kif qal Darren Abela , saret banana ma' l-arblu) u ghamlet danni fl-istess arblu. "

Ghalkemm l-akkuzat mhu tenut li jipprova xejn u jista' joqghod sieket di fronti ghall-akkuza u l-provi li tressaq il-prosekuzzjoni , u ,jekk igib xi provi, bizzejjed li dawn ikunu jwasslu sal-grad tal-probabbilita' , una volta li jittanta jaghti xi spjegazzjoni , irid l-ewwel nett ikun kredibbli , konsistenti u konvincenti sal-grad tal-probabilta' f'dak li jghid . Kif sew osserrvat il-perit legali l-appellant fl-ispjegazzjonijiet li ghazel li jaghti ma kienx konvincenti biex jinnewtralizza il-piz qawwi tal-provi naxxenti mic-"circumstantial evidence" tad-dinamika tal-incident li rrizultaw .

Kieku kull driver li jkun involut f'incident tat-traffiku fejn ma jkunx hemm xhieda okulari , jinheba wara l-iskuza - kulltant genwina u kulltant fazulla - li ma jafx jew ma jiftakarx x'gara u il-gudikant ma jatix kaz tal-provi elokwenti li johorgu mix-xena tal-incident , li jkunu jindikaw sewqan minnu innifsu hazin , ikun facli ferm ghal min jikser il-ligi u jkun imprudenti jew bla kont fis-sewqan tieghu li jahrab mir-responsabiltajiet legali tieghu . Ghalhekk hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin .Hekk jidher li ghamlet il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza appellata u din il-Qorti ma thossx li ' dik id-decizjoni hija wahda "unsafe and unsatisfactory"

Umbaghad lanqas hu gust l-appellant fl-aggravji tieghu u fis-sottomissjonijiet li saru quddiem din il-Qorti li jikkritika lil Prosekuzzjoni ghax ma investigatx l-allegazzjoni tieghu li kellu il-"clutch jisslippja" . Jekk xejn , jekk hu hass li dan il-fattur seta' jikkorrobora il-versjoni tieghu li ma setax itella' speed gholi minhabba din il-hsara fil-vettura, kien jispetta lilu li jitlob "a tempo debito" li l-esperti tal-Qorti jezaminaw il-karozza biex jivverifikaw dan u mhux lil-Prosekuzzjoni. Umbaghad f'kull kaz , anki kieku kien minnu li l-vettura kellha il-"clutch " jisslippja, kulll min isuq jaf li dan ma jeffettwax il-kontroll u "steering qualities" tal-vettura imma biss il-"motive power" u terga u tghid din il-kondizzjoni ghandha gradi differenti u tista' tkun tipproduci effett minimu fuq il-gbid tal-vettura u tista' addirittura ma thallix vettura titla' tela' jekk tkun avvanzata. Mill-fatt li l-appellant hass li jista' mill-Mosta jinzel Paceville u jerga' jsuq lura biha bhall li kieku xejn, ma tantx jidher li l-kondizzjoni setghet kienet gravi . Umbaghad kullhadd jaf ukoll li din il-kondizzjoni l-aktar li tinhass hija meta il-car tkun qed tirrevvja fuq gear baxx u li una volta li l-car taqbad u takkwista certu "forward momentum" fit-tul , inqas ikollha effett fuq il-performance tal-vettura. Ghalhekk din il-kondizzjoni jista' jkollha varji gradi u ma teskludix li l-car tista' tilhaq certu speeds fuq certi distanzi. Fil-kaz in ezami hu fatt innegabbli li l-impatt tal-vettura mall-arblu ,wara brake mark ta' 21 metru u habta mal-kurduna tax-xellug , u tkaxkir ma u immontar tac-central strip u tkomplija ta' tkaxkir laterali fuq l-istess central strip , kienu tant qawwija li ipproducew l-effetti dizastruzi u telf ta' hajja tal-passiggiera.
Altru milli l-ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzzjoni legittima li l-appellant kien qed isuq bi speed eccessiv u b'mod imprudenti mill- fatti u mill-indizji li rrizultawlha u lill-esperti fuq ix-xena tal-incident !

Illi l-aggravju dwar il-piena lanqas ma jidher fondat , ghax din hija entro il-parametri li tipprovdi il-ligi u tenut kont tas-serjeta' tal-kaz , anki l-periodu tas-sospensjoni tal-licenzja ma jidhirx sproporzjonat u ghalkemm din il-Qorti kif preseduta , thoss li s-"suspended sentence" forsi mhux l-ahjar mizura li l-Qrati ghandhom jaddottaw fil-kaz ta' reati involontarji li mhux probabbli li jergghu jigu ripetuti mill-istess persuna u li din il-mizura kienet forsi aktar intiza ghal kazijiet ta' reati ta' tipi ohra fejn hemm tendenza ta' recidivo, ma jidhrilix li fil-kaz in ezami ghandha b'xi mod tvarjha ghaliex , jekk tissostitwiha b'piena pekunjarja , il-kastig jista addirittura ikun aktar gravuz ghall-appellant .

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
11.07.02